

2. It-tieni aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju u tad-drittijiet tad-difiża, peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda b'digriet, mingħajr ma ppermetta skambju ġdid ta' noti jew seduta pubblika.
3. It-tielet aggravju bbażat fuq żball ta' liġi, peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku żied kundizzjoni ġdidha mal-kundizzjonijiet previsti għall-assistenza istituzzjonali fl-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2015 – Paglieri Sell System vs UASI (APOTEKE)**

**(Kawża T-563/15)**

**(2015/C 371/46)**

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

Rikorrenti: Paglieri Sell System SpA (Pozzolo Formigaro, l-Italja) (rappreżentanti: P. Pozzi, F. Braga, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkонтestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali “APOTEKE” – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 13 014 691

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Lulju 2015 fil-Każ R 2428/2014-5

**Talbiet**

- tikkonstata l-ksur u l-applikazzjoni inkorretta tal-Artikoli 7(1)(b) u (c), u 7(2) tar-regolament dwar it-trade mark Komunitarja;
- tikkonstata l-ksur tal-Artikolu 75 tar-regolament dwar it-trade mark Komunitarja;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009;
  - ksur tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
  - ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.
-